# Editorjal

## L-Evanġelizzazzjoni: Inizjazzjoni fil-Fidi

Il-proċess tal-Evanġelizzazzjoni huwa proċess li jinkorpora fih tliet partijiet:

a. L-ewwel tħabbira
b. Il-katekeżi
c. Il-formazzjoni permanenti

L-ewwel tħabbira ssir meta l-persuna li ma tkunx parti mill-komunità nisranija tibda tinteressa ruħha fil-mod kif jgħixu l-insara u fit-tagħlim tagħhom. Minħabba f'hekk, il-persuna tibda tistaqsi dwar ir-raġuni għala l-insara jgħixu hekk u jagħmlu ċertu għażliet. Il-proċess tal-Evanġelizzazzjoni mbagħad ikompli permezz tal-katekeżi li twassal għad-dħul fil-ħajja nisranija, jew inkella inizjazzjoni. Wara li l-persuna ssir membru fil-komunità nisranija, ma jfissirx li issa saret taf kollox, jew inkella li m'għandhiex bżonn titgħallem. Għaldaqstant, il-proċess tal-Evanġelizzazzjoni jkompli matul il-ħajja tal-bniedem kollha permezz tal-formazzjoni permanenti.

Il-laqgħat ta' katekeżi jwasslu għad-dħul fil-ħajja nisranija. Dan jista' jsir kemm meta l-persuna tkun għadha ta' età żgħira, bħal fil-każ ta' Malta, u anki meta l-persuna tkun diġà laħqet l-età adulta. L-iskop ewlieni tal-katekeżi huwa li twassal lill-persuna, kemm jekk tkun għadha żgħira, kif ukoll meta tkun diġà laħqet l-età adulta, biex tidħol b'mod sħiħ fil-komunità nisranija.

Il-laqgħat tal-katekeżi huma indirizzati għal dan il-għan: li l-persuna li tkun bdiet tinteressa ruħha fil-fidi nisranija jkollha ċans li tidħol aktar fil-fond tat-tagħlim u tal-mod u l-istil tal-ħajja li titlob il-fidi nisranija. Dan finalment iwassal biex il-persuna ssir taf aktar dwar il-fidi nisranija u, wara li tgħaddi mill-proċess ta' katekeżi, tasal biex tidħol b'mod sħiħ fil-ħajja tal-komunità. B'hekk tkun tista' tieħu sehem b'mod sħiħ kemm f'dak li toffri l-komunità u kif ukoll fit-tbatijiet u fil-mumenti diffiċli li tgħaddi minnhom il-komunità.

Dawk l-aspetti li jagħmlu lill-katekeżi parti mill-proċess tal-evanġelizzazzjoni, bħala dħul fil-ħajja nisranija, huma propjament dak li jsir fil-laqgħat tal-katekeżi nfushom. Fil-fatt jekk naraw dak li suppost isir fil-katekeżi, naraw li fil-katekeżi l-persuna tiltaqa' mal-għejun tal-fidi nisranija, li huma kemm il-Kelma ta' Alla miktuba nnifisha, kif ukoll it-Tradizzjoni Ħajja tal-Knisja. Fil-katekeżi ssir ukoll edukazzjoni fejn tidħol il-liturġija, fejn il-persuna tifhem aħjar is-simboli li jintużaw fil-liturġija, u għaliex jintużaw dawn is-simboli u mhux oħrajn. Il-katekeżi hija wkoll eżerċizzju tal-komunjoni, fejn il-persuna li tixtieq tidħol b'mod sħiħ fil-ħajja nisranija tibda bil-mod il-mod tagħmel esperjenza tal-ħajja tal-komunità. Barra minn hekk, il-persuna mhux biss tieħu mill-komunità, imma tagħmel ukoll azzjonijiet li permezz tagħhom taqdi u tkun ta' servizz għall-membri l-oħra tal-komunità permezz tad-djakonija.

Huwa minħabba dan kollu li l-katekeżi għad-Dħul fil-Ħajja Nisranija nirreferu għaliha wkoll bħala apprentistat fil-fidi nisranija.